MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 339/2012

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Ruth Catania**

bint Raymond , imwieleda Pieta' fil-25 ta' Ottubru, 1982, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 582982(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta Ruth Catania, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bejn 1-24 ta' Awwissu, 2010 u l-4 ta' Settembru, 2010 f'Sardinella Court, Flat 4, Triq il-Brunzar, St.Venera, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-Ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita' tieghek nnifisek, lil xi hadd

ihallas dejn jew jesegwixxi obligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil xi hadd fil-pusses ta' hwejjgu jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahlt fi hwejjeg haddiehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta’ Gunju, 2012 fejn il-Qorti sabet lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u ikkundannatha ghal hlas ta’ multa ta’ mitt Euro (€100).

Rat ir-rikors tal-appellanti Ruth Catania tat-2 ta’ Lulju, 2012 fejn talbet li din il-Qorti joghogobha tirrevoka s-sentenza appellata tat-22 ta' Gunju, 2012 proferita mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tehlisha minn kull imputazzjoni u piena sabiex b'hekk issir gustizzja skont il-Ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi s-sentenza li minnha qieghed jigi nterpost dan l-umli appell hija zbaljata stante illi l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni ta' l-elementi kostituttivi tar- reat ta' ragion fattasi . Illi kif gie ritenut f’diversi decizjonijiet (ara fost bosta ohrajn is-sentenzi ta' dina l-Qorti fl-ismijiet **"Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia"**, 14 ta' Dicembru, 1957 u **"I1-Pulizija -vs- Michael Lungaro et"**, 15 ta' Mejju, 2003), l-elementi ta' ragion fattasi huma:-

a. Att estern li jispolja li xi haddiehor minn haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew presunta.
b. Il-kredenza li l-att qieghed isir b'esercizzju ta' dritt.
c. Il-koxjenza fl-agent li hu qed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika.
d. In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatti aktar gravi.

Illi kif jirrizulta mil-provi mressqa mill-prosekuzjoni l-ebda wahda minn dawn l-elementi ma giet pruvata, u dan la direttament u lanqas cirkostanzjalment.

Illi fl-ewwel lok, l-imputata qatt ma hadet l-oggetti li qed jallega li hadet il-kwerelant Victor Catania, hlief ghal sett lozor u hwejjigha, komprizi l-affarjiet personali li jappertjenu lil uliedha u dan wara illi hi kienet verifikat mal-pulizija stess x'setghet tiehu mid-dar. Huwa

ovju anke minn dan illi l-esponenti ma ghamlet xejn di privato braccio u b'mod arbitrarju. Dan hu sahansitra korroborat u sostenut ukoll mid-dokumenti prezentati mill-istess Victor Catania. In oltre, kif jirrizulta mill-provi, bostha mill-oggetti li giet akkuzata li hadet huma fil-fatt oggetti parafernali taghha. Anke minn dan huwa evidenti li l-esponenti ma wettqet l-ebda att vjolattiv tad-drittijiet ta' zewgha u ma uzurpat xejn minn hwejjgu.
Illi fit-tieni lok, kif jirrizulta mill-provi u dokumenti, l-imputata ma kienetx fil-qaghda fizika illi ggor u tqandel u dan peress illi dak iz-zmien hija korriet fil-kors tal-gravidanza taghha u kienet taht ordni tat-tabib kostretta tibqa' fis-sodda ghal perjodu sakemm tigi stabbilita il-qaghdha taghha.

Illi barra minn hekk ma jistghax ma jigix osservat x'kienet il-vera ntenzjoni tal-kwerelant Victor Catania u dan meta wiehed jara 'time line' ta' kif vera graw l-affarjiet. Jidher illi Victor Catania mar jaghmel l-ewwel rapport fl-24 ta' Awwissu 2010, propju f'dik il-gurnata meta martu l-imputata hallietlu ittra tal-effetti li kien bi hsiebha tiehu. Illi l-lista tal-oggetti li pprezenta Victor Catania hija datata 3 ta' Settembru 2010, tul liema zmien l-imputata kienet qed tkorri fit-tqala, izda minkejja dan huwa ma hassx il-htiega li jaghmel rapport dak il-hin stess u fil-fatt mar jirraporta fil-5 ta' Settembru 2010, propju jumejn wara. Lanqas ma wiehed jista jiskarta dik il-parti tax-xhieda ta' Victor Catania, fejn dan stqarr quddiem l-Ewwel Qorti illi martu marret u kaxkret nofs id-dar, ghaliex bl-ebda mod tal-immaginazzjoni ma jista jittwemmen illi l-imputata seghtet hadet dawn l-affarjiet kollha f'temp ta' saghtejn.

Illi fl-ahharnett, l-esponenti ma tistax ma tikkwerelax il-fatt illi l-veru motiv wara ir-rapport ta' zewgha Victor Catania kien ghal kollox wiehed kapriccjuz u vessatorju. Multo magis, meta wiehed iqis illi 'a posteriori' tas-sentenza huwa innifisu qabad u ghadda lill-esponenti l-istess oggetti li hu kien akkuzaha bihom li haditlu mid-dar matrimonjali. Rispettosament, l-ewwel Qorti ma kelliex taghti aditu ghall-inkejja u il-piki ta' Victor Catania, u f'kull kaz ma kelliex issib lill-esponenti hatja illi din hadet il-ligi b'idejjha.

Illi hija l-umli opinjoni tal-imputata illi l-Ewwel Qorti naqset milli adegwatament tapprezza l-provi prezentati quddiemha u dan ghaliex hija bhal speci donnha ddecidiet illi peress li l-imputata u zewgha Victor Catania ghaddejjin minn kawza ta' separazzjoni, allura t-tnejn ghandhom jitqeghdu fl-istess mizien ta' htija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi dak li hu hawn fuq enunxjat hu kuncett car. Dan jirrigwarda in principju l-appelli kollha li jigu maghmula u ittratati quddiem din il-Qorti. Izda hemm eccezzjoni ghal dan il-principju meta l-appell hu minn kawzi sommarji jew distrettwali. Dan hu ghaliex f'dawn il-kawzi x-xhieda mhiex traskritta. Ghalhekk, din il-Qorti jkollha tisma mill-gdid il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. F'dawn il-kazijiet jista' jaghti l-kaz li xhud quddiem l-ewwel Qorti ma jghidx ezatt l-istess quddiem din il-Qorti u dik l-inesatezza tista' tbiddel l-andament kollu tal-appell. Dan ghaliex ma hemmx metodu kif tikkontrolla x-xhieda fid-diversi stadji tal-iter processwali.

Illi dan hu kaz minnhom fejn realment ma jistghax isejjahlu appell fis-sens komplet tal-kuncett. Ghalhekk, l-apprezzament tal-provi prodotti quddiem din il-Qorti hu wiehed pjuttost soggetiv minhabba l-fatt li ma hemm ebda traskrizzjoni tax-xhieda fil-prima istanza.

Illi mix-xhieda prodotti dwar dan il-kaz jirrizulta li fiz-zmien li gara l-incident il-konjugi Catania kienu ghaddejjin bi proceduri ta' separazzjoni. Jirrizulta li l-appellanta ma kinitx qed tghix fid-dar martimonjali u kienet infurmat lil Victor Catania, zewgha, li riedet tiehu xi affarijiet mid-dar matrimonjali. Dawn kienu oggetti tat-tfal taghhom, affarijiet tal-kcina u xi nvesti u lozor.

Illi mix-xhieda tal-parte civile, Victor Catania, jirrizulta li l-appellanta hadet ukoll oggetti tad-deheb li huma tieghu. Min-naha taghha, l-appellanta xehdet li hi qatt ma rat dawn l-oggetti u fil-fatt hi ma hadet xejn. Realment, din il-kawza kollha ddur ma dan il-fatt. Hadet jew ma haditx l-oggetti li kienu ta' zewgha. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti hawn konflitt ta' provi li ghandu jmur favur l-akkuzata appellanta.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa' l-appell tal-akkuzata appellanta. Tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u tillibera lil Ruth Catania minn kull htija u piena.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------